

Brussell, 14 ta' Settembru 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0011(NLE)

12080/23
ADD 2

SOC 553
EMPL 390
SAN 468
GENDER 168
ANTIDISCRIM 159
FREMP 221
ILO 8

NOTA PUNT "A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kunsill

Suġġett: Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol - Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) tat-18 ta' Settembru 2023. Id-dikjarazzjoni ser tiddaħħal fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) ġiet adottata matul iċ-Ċentenarju tal-ILO u r-ratifika wiesgħa tagħha hija kruċjali għall-eliminazzjoni effettiva tal-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol. Din il-Konvenzjoni l-għdida tal-ILO hija strument internazzjonali tassew meħtieġ biex jiġi protett id-dritt ta' kulħadd għal dinja tax-xogħol ħielsa mill-vjolenza u l-fastidju Filwaqt li tibni fuq ir-rwol importanti li għandhom l-UE u l-Istati Membri tagħha fil-proċess li jwassal għall-adozzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju mill-ILO, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha biex tippovdi l-qafas adatt tal-UE għall-Istati Membri biex jirratifikaw individwalment għall-kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni. Kwalunkwe diffikultà minn Stat Membru biex jirratifika l-Konvenzjoni ma għandhiex tipprevjeni l-proċess ta' ratifika minn Stati Membri oħra fl-interess tal-Unjoni milli jipproċedu.
